MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Numru 1/2004

**Ir-Repubblika ta’ Malta**

**v.**

**Keith Galea**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell interpost minn Keith Galea, permezz ta’ rikors prezentat fl-14 ta’ Marzu 2006, mill-verdett tal-gurija u mis-sentenza tal-Qorti Kriminali moghtija fil-21 ta’ Frar u fit-22 ta’ Frar ta’ din is-sena rispettivament.

**2.** Permezz ta' Att ta' Akkuza prezentat fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fit-13 ta' Frar 2004, l-imsemmi Galea kien akkuzat bit-tentattiv ta' omicidju ta' Justin Said – delitt kommess, skond l-ewwel kap tal-imsemmi Att ta' Akkuza, fil-lejl ta' bejn is-27 u t-28 ta' Settembru 2001 f'Manoel Island, il-Gzira. Taht it-tieni kap huwa gie akkuzat li kellu fil-pussess tieghu mus b'xafra u bil-ponta minghajr id-debita licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u ghalhekk bi vjolazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 66[1]. Taht l-ewwel kap Galea gie akkuzat ukoll li kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu skond l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali in kwantu kkommetta reat fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza.

**3.** Il-guri beda jinstema' fil-21 ta' Frar 2006. L-ghada, wara li gew indirizzati mill-Onorevoli Imhallef li kien qed jippresjedi, il-gurati rritornaw is-segwenti verdett: (i) il-gurati b'sitt (6) voti favur u tlieta (3) kontra sabu lil Keith Galea hati skond l-ewwel kap ta' l-Att ta' Akkuza, u (ii) sabuh unanimament hati skond it-tieni kap tal-Att ta' Akkuza; u b'verdett addizzjonali (iii) iddikjarawh unanimament hati li kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu skond l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'sentenza tat-18 ta' Ottubru 1999[2]. L-ghada, 22 ta' Frar 2006, il-Qorti Krminali ppronunzjat is-sentenza li, fil-parti relevanti taghha, tghid hekk:

"Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

"Rat il-verdett tal-gurati tal-21 ta' Frar 2006 li bih b'sitt (6) voti favur u tlieta (3) kontra sabu lill-akkuzat Keith Galea hati tal-Ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza w li bih unanimament sabu lill-akkuzat hati tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

---

[1] Din l-Ordinanza gie revokata bl-Att XIV tal-2005 (illum Kap. 480) b'effett mill-15 ta' Awissu 2006 – ara l-Avviz Legali 173/2006.

[2] L-akkuza li kkommetta reat fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza ma gietx ikkontestata – ara l-verbal tal-udjenza tal-21 ta' Frar 2006. Ara wkoll il-kopja ta' l-imsemmija sentenza a fol. 66 tal-attijiet tal-kumpilazzjoni. Permezz ta' din is-sentenza Keith Galea kien gie dikjarat hati, fuq ammissjoni tieghu, ta' diversi reati fosthom serq kwalifikat, sekwestru ta' persuna u pussess ta' arma bla licenzja. Huwa gie kkundannat ghall-piena ta' sentejn prigunerija sospiza ghal erba' snin

“Rat illi l-akkuzat ammetta l-addebitu li hu kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu skond l-artikolu 28(A) tal-Kodici Kriminali bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-18 t’Ottubru, 1999;

“Tiddikjara ghalhekk lil Keith Galea hati talli fil-lejl ta’ bejn is-sebgha w ghoxrin (27) u t-tminja w ghoxrin (28) ta’ Settembru, 2001, gewwa Manoel Island, fil-Gzira, ikkommetta tentattiv t’omicidju w cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Justin Said jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja tieghu f’perikolu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minnhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` tieghu, w b’dana li b’hekk hu gie kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu skond l-artikolu 28(A) tal-Kodici Kriminali bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-18 t’Ottubru, 1999, u dana skond l-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza;

“U tiddikjara ukoll lil Keith Galea hati talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi indikati fl-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu f’idejh jew fuqu sikkina ta’ kull xorta li tkun b’xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta, skond it-Tieni kap tal-Att ta’ l-Akkuza;

“Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur Dr. Leslie Cuschieri w is-sottomissjonijiet maghmula mill-abbli prosekutur Dr. Anthony Barbara dwar il-piena;

“Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni w li d-difiza hadet konjizzjoni taghha;

“Qieset is-sottomissjonijiet **<u>kollha</u>** tad-difiza li jinsabu registrati w senjatament, izda mhux biss is-segwenti w cioe`:

1. illi l-verdett ta’ htija tal-gurati fuq l-Ewwel kap kien biss ta’ sitta kontra tlieta;
2. li l-hati ghandu biss 24 sena;

3. li ghandu jkun hemm bilanc bejn l-interess tas-socjeta` u dawk tal-mara li tghix mall-hati w uliedhom li ghandhom bzonn lill-hati w li, aktar ma jkun twil il-periodu karcerarju, aktar ser titharbat il-hajja tal-familjari tal-hati;
4. li l-hati kien ser ibati aktar minnhabba li l-piena ghal dan ir-reat zdiedet xi ghaxar snin ilu, meta zdiedet l-iskala tal-pieni, x'aktar l-aktar minnhabba reati ta' drogi;
5. li jekk hu possibbli, l-Qorti m'ghandix timplimenta w tattiva s-sentenza sospiza imma testendi s-sentenza sospiza ghal terminu iehor;
6. illi kellha tinghata piena aktar vicin il-minimu milli lejn il-massimu;

"Qieset il-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni:

1) illi una volta li l-hati nstab li kiser il-kondizzjonijiet ta' sentenza sospiza, din il-Qorti issa kellha tittratta mieghu ukoll ghall-ksur ta' dawk il-kondizzjonijiet billi tattiva s-sentenza sospiza;
2) li dan il-kaz kien dovut biss ghall-ksuhat u atteggjament ta' *bully* li ha l-hati;
3) illi f'kazijiet bhal dawn ta' vjolenza bl-armi, il-hati jkun jimmerita piena severa b'sentenza ta' habs immedjat li ghandu jkun aktar vicin il-massimu possibbli ta' tnejn u tletin (32) sena w tlitt xhur;
4) illi l-insenjament tal-Qorti tal-Appell f'kazijiet ta' ferimenti b'arma kien li ghandu jkun hemm pieni severi ta' karcerazzjoni biex jinghata sinjal car lis-socjeta` li dawn it-tipi ta' reati ma ghandux jigu trattati leggerment;
5) li l-hati jmissu ha hsieb l-interessi tal-familjari tieghu qabel ma kkommetta r-reat u, f'kull kaz, ma jidhirx li l-mara li jghix maghha ghenitu hafna biex jevita l-hajja kriminali;
6) li l-hati ghandu kondotta refrattarja w sa minn meta kellu sittax il-sena kien diga` nstab hati ta' pussess ta' arma;
7) li meta l-legislatur zied l-iskala tal-pieni xi snin ilu, dan ghamlu biex proprju jippunixxi reati gravi, anki bhal dan odjern b'mod aktar sever. Ghalhekk kienu zdiedu l-pieni biex jinghata sinjal carissimu li l-uzu tal-armi jwassal ghall-konkluzzjonijiet tragici u ma jistax jigi trattat leggerment.

“Ikkonsidrat:

“Illi wara li qieset dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti rat illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 211 dwar ir-reat ta’ omicidju, l-artikolu 41 dwar it-tentattiv u l-Artikolu 17 kif ukoll l-Artikolu 31 tal-Kodici Kriminali, l-parametri tal-piena komplessiva f’dan il-kaz ghaz-zewg reati li nstab hati taghhom il-hati ivarjaw minn minimu ta’ seba snin u multa ta’ ghaxar liri ghall-massimu ta’ tletin (30) sena u xahar u nofs prigunerija. Illi jekk umbaghad tigi attivata is-sentenza ta’ sentejn prigunerija sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-18 ta’ Ottubru, 1999, jigi li l-piena massima erogabbli tkun dik ta’ wiehed u tletin sena u xahar u nofs prigunerija, bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) u 28E(2) (dan tal-ahhar illum abrogat) tal-Kodici Kriminali;

“Illi f’dan il-kaz ma tistax bil-ligi tinghata sentenza sospiza ghal diversi ragunijiet u ma jaghmilx sens lanqas li jigi estiz il-periodu tas-sentenza sospiza impost mill-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza appena citata, kif issuggerixxa li jsir l-abbli difensur;

“Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali):

“***“l-vjolenza ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta’ prigunerija b’effett immedjat, aktar u aktar fejn jintuzaw armi” w li “mhuwiex inoltre tollerabbli li f’socjeta’ civili persuna ggorr arma fuqha kontra l-ligi – hi x’inhi r-raguni.”*** (Ap. Krim. **Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Noel Mizzi** [15-12-2005] u ohrajn);

“Illi l-hati diga` kellu tminn kundanni mill-Qrati Kriminali mill-1997 ‘l hawn, darba li garr mus bla licenzja, darba ta’ serq aggravat u sekwestru ta’ persuni w pussess ta’ arma tan-nar u li spara l-istess arma f’ post pubbliku w serq ta’ *air pistol*, darba ohra ta’ pussess ta’ arma ohra bla licenzja u ksur tal-buon ordni, darba ohra ta’ serq aggravat, ricettazzjoni w danni volontarji, darba ohra talli ingurja u hedded ufficjali tal-Pulizija, ksur tal-buon ordni, dagha w kliem oxxen u, diversi drabi ohra ta’ ksur tar-regolamenti u ligijiet tat-traffiku. Tnejn min dawn il-kundanni addirittura

jirrigwardaw reati minnu kommessi waqt li kien igawdi l-liberta` provizorja fuq dan il-kaz;

“Il-hati nghata diversi opportunitajiet mill-Qrati, fosthom anki sentenza ta’ prigunerija sospiza, izda jidher li ma tghallimx u ma gharafx juza dawn l-opportunitajiet biex jirriforma ruhu w jiddezisti mill-hajja tieghu kriminuza, imma baqa’ jippersisti fl-istess stil ta’ hajtu sakemm iggradwa bil-kommissjoni tar-reat serjissimu ta’ tentattiv t’omicidju w dan fl-isfond tar-relazzjoni intima li kellu ma prostituta taht l-eta` li kien qed jghix maghha. Dan it-tentattiv t’omicidju li sar bi *flick knife,* kien jinvolvi feriment serju tal-vittma b’penetrazzjoni tal-kavitajiet tal-addomine u tal-pleura, ticrita tad-diaframma u anki lezjoni tal-fwied li kellu jigi suturat b’intervent kirurgiku tempestiv. Ghalhekk issa wasal iz-zmien li l-hati jaghmel il-kontijiet tieghu mas-socjeta`.

“Ikkonsidrat:

“Illi a tenur tal-artikolu 28A, B(1)(3), C, E u F tal-Kodici Kriminali billi l-hati – kif minnu stess ammess – qed jinstab hati tar-reati fuq imsemmija u li ghalihom hemm il-piena ta’ prigunerija, [kommessi] matul il-periodu operattiv ta’ erba snin tas-sentenza sospiza ta’ sentejn prigunerija erogata lilu mill-Qorti tal-Magistrati bis-sentenza tat-18 t’Ottubru, 1999, li tinsab esebita fil-process (fol. 66 et seq.), din il-Qorti – kif irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Brian Agius et”** [20.1.2005] - trid tghaddi biex tittratta mal-istess hati ghar-rigward tal-imsemmija sentenza sospiza, billi tordna li din ghandha tibda ssehh skond l-artikolu 28C(1) u tapplika piena wahda skond is-subartikolu (2) tal-Artikolu 28E – illum abrogat izda li kien applikabbli ghall-kaz ghax jincidi fuq il-piena;

“Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikoli 211(1)(2), 41(1)(a), 31(1)(a)(b)(i)(ii), 28A, B(1)(3), C, E(2) (kif allura applikabbli) u F, 17(b) u 533 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9), u l-Artikoli 13 (1) u 19 tal-Kap. 66, u wara li tordna li is-sentenza sospiza ta’ sentejn prigunerija erogata mill-Qorti tal-Magistrati fit-18 t’Ottubru, 1999 tibda ssehh,

tikkundanna lill-hati Keith Galea ghal piena wahda komplessiva ta’ ghoxrin (20) sena prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li hu ghamel taht arrest preventtiv biss in konnessjoni ma’ dawn ir-reati, kif ukoll tikkundannah ihallas l-ispejjez tal-perizji f’din il-kawza li jammontaw ghal mija w wiehed liri Maltin (LM 101).”

**3.** Id-difensuri tal-partijiet – Dott. Emmanuel Mallia u l-Assistant Avukat Generali Dott. Anthony Barbara – ittrattaw dana l-appell fl-udjenza tad-9 ta’ Ottubru 2006. L-aggravji ta’ l-appellant huma bazikament tnejn, u cioe` (i) li hu gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza, kif ukoll (ii) li kien hemm irregolarita` matul il-kawza u interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi li seta’ kellha influwenza fuq il-verdett. Jilmenta wkoll (iii) dwar il-piena erogata li huwa jikkunsidra li kienet esagerata. Dawn l-aggravji ser jigu trattati minn din il-Qorti fl-istess ordni li gew trattati mill-appellant fir-rikors tieghu.

**4.** Taht l-intestatura “Irregolarita` matul il-kawza”, l-appellant jilmenta minn erba’ affarijiet u cioe` (1) li l-avukat tieghu ma nghatax zmien xieraq biex jipprepara d-difiza tal-kaz, (2) li l-avukat tieghu ma nghatax zmien adegwat ghall-kontro-replika, (3) li kien hemm certu “disgwid kwantu ghal xhud indikat mid-difiza”, u (4) li saru certi kummenti mill-Qorti, ossia mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, li taw x’jifhmu lill-gurati li l-Qorti kellha certi riservi dwar it-testimonjanza ta’ certi xhieda.

**5.** Kwantu ghall-ewwel ilment, u cioe` li l-avukat tieghu ma kellux zmien xieraq biex jipprepara d-difiza tal-kaz, jinghad mill-ewwel u bla tlaqliq li dana l-ilment huwa infondant u jirrazenta l-fieragh. Jibda biex jinghad li ghalkemm il-kumpilazzjoni bdiet fid-29 ta’ Settembru 2001 u baqghet tkarkar bis-sulluzzu sat-8 ta’ Jannar 2004, mill-166 pagna tal-attijiet ta’ l-istruttorja, l-unici provi ta’ xi rigward huma z-zewg deposizzjonijiet ferm qosra tat-tobba Mark Schembri u Angela Sultana, u d-deposizzjonijiet ftit itwal ta’ Justin Said (il-vittma, fol. 27 sa 34, u fol. 165) u ta’ Graziella Apap (it-tfajla li kienet qed tipprostitwixxi ruhha ma’ Justin Said ftit hin qabel ma nqala’ l-incident bejn l-appellant u l-imsemmi Said, fol. 81

sa 93). Il-provi l-ohra huma kollha jew marginali jew addirittura rrelevanti. Fi kliem iehor, dan kien process li anke avukat principjant kien ikun kapaci li jifli u jassorbih fi kwistjoni ta’ saghtejn. Bhala fatt jirrizulta li matul il-kumpilazzjoni l-appellant kellu lill-avukati Dott. Ian Farrugia u Dott. Michael Sciriha. Wara li gie pprezentat l-Att ta’ Akkuza fit-13 ta’ Frar 2004, jidher li assumew il-patrocinju tal-appellant, allura akkuzat, l-Avukati Dott. Giannella Caruana Curran u Dott. Emmanuel Mallia ghax kienu dawn li pprezentaw l-eccezzjoni preliminari u l-lista tax-xhieda fl-10 ta’ Marzu 2004. Dott. Mallia deher ukoll ghall-akkuzat fl-udjenza tal-14 ta’ April 2004 li fiha giet irtirata l-eccezzjoni preliminari, u l-process gie differit *sine die* sabiex jigi appuntat meta jasal it-turn tieghu skond il-ligi. B’digriet tas-27 ta’ Ottubru 2005 il-Qorti Kriminali appuntat is-smigh tal-guri ghall-20 ta’ Frar 2006. B’dan id-digriet gie notifikat l-akkuzat Galea fl-1 ta’ Novembru 2005. Kif jidher mir-risposta tal-imsemmi Galea tad-19 ta’ Jannar 2006 ghal rikors li pprezenta x-xhud Said, sa din l-ahhar imsemmija data kienu ghadhom qed jidhru ghall-akkuzat l-Avukati Caruana Curran u Mallia. B’rikors ipprezentat fil-15 ta’ Frar 2006 (cioe` hamest ijiem biss qabel ma kellu jibda l-guri), Keith Galea nforma lill-Qorti Kriminali “illi hu nforma lill-Avukati di fiducja tieghu biex ma jibqghux jassumu l-patrocinju tieghu ghax hu jixtieq li din l-Onorabbli Qorti tappuntalu avukat tal-ghajnuna legali”. F’dik l-istess gurnata dik il-Qorti appuntat lill-Avukati tal-Ghajnuna Legali Dott. Joseph Mifsud u Dott. Malcolm Mifsud, izda giet infurmata li wiehed kien imsiefer u l-iehor kien ghadu kif irrizenja mill-kariga tieghu. Minnufih, u dejjem fil-15 ta’ Frar 2006, il-Qorti Kriminali allura appuntat lill-Avukat Dott. Leslie Cuschieri, li hu wiehed mill-Avukati fl-elenku tal-avukati tal-ghajnuna legali, biex jassumi l-patrocinju tal-akkuzat. Ghalkemm mill-atti ma jirrizultax x’hin l-Avukat Cuschieri gie infurmat bl-inkarigu tieghu, l-appellant ighid, fir-rikors ta’ appell, li dan gie nfurmat telefonikament “fil-15 ta’ Frar 2006 fil-ghaxija”, u l-ghada, 16 ta’ Frar, sar l-ewwel kuntatt bejn l-imsemmi avukat u l-klient tieghu. L-appellant – u ta min josserva hawnhekk li r-rikors ta’ appell issa huwa ffirmat kemm mill-Avukati Caruana Curran u Mallia kif ukoll mill-Avukat Cuschieri – ikompli jghid hekk: *“Konsiderando li*

*baqa' f'dik il-gimgha biss gurnata ta' xoghol, iz-zmien fic-cirkostanzi biex l-esponenti seta' jkollu difiza adegwata, ma kienx xieraq. Il-guri beda fl-20 ta' Frar 2006 fid-disa' u dam prattikament gurnata peress li l-indirizz tas-Sinjurija Tieghu beda it-Tlieta 21 ta' Frar 2006. Ghandu jigi rilevat ukoll li biex is-sitwazzjoni tikkomplika ruhha, ix-xhieda tal-prosekuzzjoni nstemghu prattikament fl-ewwel nofs ta' nhar ta' dan il-guri, u bl-esponenti jittiehed il-habs waqt il-hin tal-'break' ta' nofsinhar. L-istess esponenti prattikament ma kellux hin jikkonsulta l-avukat tieghu fuq ix-xiehda moghtija mill-prosekuzzjoni u lanqas zmien bizzejjed sabiex ikun jista' jipprepara l-istadju tad-difiza. Korrettement ghandu jinghad ukoll illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ikkoncediet kwarta sabiex l-avukat difensur ikun jista' jaghmel dan, zmien illi ghal kull min jahdem fl-Awla Kriminali u jsib ruhhu f'cirkostanzi simili, ma hux periodu sufficjenti biex Ufficjal tal-Qorti jaqdi d-doveri tieghu skond il-ligi."* Kif diga` osservat din il-Qorti, dawn l-ilmenti huma bla bazi u fiergha. Apparti l-fatt li mill-atti mkien ma jirrizulta li l-appellant jew id-difensur tieghu qatt talbu – permezz ta' verbal jew b'rikors – xi differiment jew posponiment, qasir jew xort'ohra, u anqas saret xi prova li tali talba saret u ma gietx registrata (jew, jekk saret b'att gudizzjarju, li dak l-att ma ddahhalx fl-atti), tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz – essenzjalment diverbju bejn zewgt irgiel li fih wiehed minnhom uza mus jew sikkina – u tan-numru ezigwu tax-xhieda li minnhom prattikament tnejn biss (Said u l-akkuzat) kellhom xi haga x'jghidu li biha setghu jilluminaw lil min kellu jiggudika dwar dak li verament gara, din il-Qorti ma tistax tifhem kif jista' jinghad li l-Avukat Cuschieri ma kellux zmien adegwat biex jipprepara d-difiza f'dan il-kaz, jew li l-appellant "ma kellux hin jikkonsulta l-avukat tieghu fuq ix-xiehda moghtija mill-prosekuzzjoni". Iz-zmien ta' kwarta – proprjament, skond il-verbal, ghoxrin minuta – biex l-akkuzat, qabel ma jiddeciedi jekk jitlax jixhed jew le, jikkonsulta ma' l-avukat tieghu huwa hin adegwat u jirrientra fin-norma anke fil-kaz ta' gurijiet twal u kkumplikati. F'dak l-istadju mhux mistenni – anzi huwa kontro-indikat mill-punto di vista ta' etika professjonali – li l-akkuzat joqghod jghid lill-avukat tieghu x'bihsiebu jghid jew ma jghidx bil-gurament, u dan ghal ragunijiet ovvji.

Dak il-hin proprjament jista' jkun mehtieg biex l-avukat, jekk jigi hekk mistoqsi mill-klient tieghu, jaghtih il-parir tieghu jekk ikunx jaqbel jew le, anke fid-dawl tal-provi tal-prosekuzzjoni li jkunu ghadhom kif instemghu, li huwa jiehu l-pedana tax-xhieda; id-decizjoni ahharija, pero`, irid jehodha l-akkuzat. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

**6.** L-istess jinghad ghall-ilment li l-Avukat Cuschieri ma kellux zmien adegwat ghall-kontro-replika. Il-Qorti semghet ir-registrazzjoni tat-*tape* ta' dik il-parti fejn, skond ir-rikors ta' appell, *"…l-avukat difensur talab lill-Qorti biex il-kontro-replika jibdiha l-ghada filghodu…"* u fejn suppost li *"…il-Qorti sahqet li din kellha tibda immedjatament…"*. Jibda biex jinghad li mhux minnu li l-avukat difensur talab li jibda l-kontro-replika l-ghada: skond ir-registrazzjoni tat-*tape* l-imsemmi avukat semplicement staqsa jekk il-Qorti kinitx ser tkompli bis-smigh, u l-Imhallef sedenti spjega lill-istess avukat bl-aktar mod normali li issa huwa kellu jaghmel il-kontro-replika billi jwiegeb limitatament ghall-punti sollevati fir-replika. Din il-Qorti ma tara assolutament ebda rregolarita` f'dak li sar f'dana l-istadju, u hi tal-fehma li jkun ahjar ghall-firmatarji ta' dan ir-rikors jekk fuq dan l-aggravju tieqaf hawn.

**7.** Kwantu ghall-allegat disgwid dwar ix-xhud indikat mid-difiza, l-appellant jilmenta bazikament li r-rapprezentant tal-Vodafone, li kien minnu ingunt bhala xhud in difeza biex "jezibixxi lista bin-numri tat-telefons ricevuti mill-'mobile phone' ta' l-akkuzat sabiex jikkonferma li fid-data ta' l-incident l-akkuzat irceva telefonata minghand Graziella Apap…"[3], meta dan tela' jixhed qal li fuq in-numru 09844517 "ma kienu saru ebda telefonati dak inhar". Konsegwentement l-appellant jghid li billi l-avukat tieghu necessarjament strah fuq in-numru muri fl-istqarrija tieghu maghmula lill-pulizija[4] liema numru "ma kienx necessarjament in-numru korrett"[5], u l-istess avukat ma thalliex jispjega lill-gurati li huwa kien dahal fil-kaz tardivament bhala avukat tal-ghajnuna legali u li kien gab

[3] Ara l-lista tax-xhieda pprezentata mill-akkuzart fl-10 ta' Marzu 2004.
[4] Fol. 38 sa 40 tal-attijiet tal-istruttorja.
[5] Ara pagna 8 tar-rikors ta' appell.

dak in-numru mill-istqarrija, konsegwentement kien hemm irregolarita` li seta’ kellha influwenza fuq il-verdett peress li allura gie donnu jidher li dak li kien qed jghid hu – li cemplitlu Graziella Apap – ma kienx veru. Dan l-aggravju wkoll jirrazenta l-fieragh. L-istqarrija maghmula mill-akkuzat lill-pulizija kienet ilha zmien a disposizzjoni tieghu u kienet ilha wkoll kwazi erbat ijiem a disposizzjoni tal-avukat tieghu. Jekk in-numru hemm indikat kien fil-fatt zbaljat, kull ma kien mehtieg biex dan jigi indikat lill-avukat kien ftit sekondi, u ftit minuti biex l-avukat jindikah lix-xhud – haga li setghet saret anke waqt li l-istess xhud, cioe` r-rapprezentant tal-Vodafone, kien qed jixhed. Sinjifikanti huwa l-fatt li l-appellant imkien ma jghid li dak in-numru <u>ma kienx</u> in-numru korrett (jew jaghti n-numru korrett fir-rikors ta’ appell); huwa semplicement ighid li “dan ma kienx <u>necessarjament</u> in-numru korrett” u li kien hemm “…<u>l-probabbilta`</u> li dak in-numru kien zbaljat.” (sottolinear ta’ din il-Qorti). <u>Jekk</u> dana x-xhud kien qed jixhed dwar numru zbaljat, u <u>jekk</u> id-deposizzjoni tieghu kellha influwenza fuq il-verdett in kwantu l-gurati setghu waslu ghall-konkluzjoni li allura l-appellant ma kienx xehed il-verita` meta qal li Apap kienet cemplitlu, ***imputet sibi***; l-appellant certament, pero`, ma jistax jikkamuffa n-nuqqasijiet tieghu u jipproponihom quddiem din il-Qorti bhala “irregolarita` matul il-kawza”. Ghalhekk anke dana l-aggravju huwa respint.

**8.** Jilmenta wkoll l-appellant minn dak li huwa jsejjah “emfazi zejda” li ghamlet il-Qorti – proprjament l-Onorevoli Imhallef li ppresjeda l-guri – meta kienet qed tixhed Graziella Apap b’mod, dejjem skond l-appellant, li l-Qorti tat x’tifhem lill-gurati li ma kenitx qed temmen lil din ix-xhud. Issa apparti li, kif dejjem gie ritenut, il-ligi ma teskludix li, fil-kazijiet kongruwi, l-Imhallef sedenti jesprimi l-fehma tieghu dwar il-veracita` ta’ xi fatt, wiehed jew aktar, basta li jaghmilha cara lill-gurati li ma huma b’ebda mod marbuta ma’ xi kumment f’dan is-sens li huwa talvolta jkun ghamel, direttament jew indirettament – direttiva li fil-kaz odjern inghatat b’mod car mill-Onorevoli Imhallef li kien qed jippresjedi dan il-guri – din il-Qorti, wara li ezaminat id-deposizzjoni kollha ta’ Graziella Apap ma tirravviza ebda rregolarita` fl-interventi tal-Imhallef.

Apap kienet xhud difficli fis-sens li f'certi aspetti ma kenitx cara, u anqas jidher li kienet ta' xi livell ta' intelligenza li kien jiffacilita l-kjarezza tal-espressjoni. L-interventi tal-Qorti kienu kollha intizi biex jiccaraw dak li kienet qed tghid, jew tipprova tghid, din ix-xhud. Pero` anke xhud mhux ta' xi intelligenza straordinarja ghandu jkun kapaci jifhem id-differenza bejn li ragel u mara jkunu semplicement "hbieb" li kultant jiehdu "drink" flimkien, u li jkunu regolarment jghixu ma' xulxin u jkollhom tfal komuni. Dak li l-appellant jirreferi ghalihom bhala "kummenti sarkastici" tal-Qorti meta din irriferiet ghaliha bhala "pogguta ma' l-akkuzat", kienet osservazzjoni li b'ebda mod ma tista' titqies bhala rregolari da parti tal-Qorti meta din Apap, mistoqsija mill-avukat difensur x'kienet ir-relazzjoni taghha ma' l-akkuzat[6], ippruvat taghti wiehed x'jifhem li hija u l-akkuzat kienu semplicement hbieb, li kultant jiehdu "drink" flimkien. Anke l-avukat difensur, wara li rrizulta li fil-fatt din ix-xhud u l-akkuzat kienu jghixu flimkien u kellhom anke tfal komuni, irrimarka: "Jigifieri daqsxejn aktar minn hbieb". Kien hawn li l-Qorti osservatilha lix-xhud li l-kelma bil-Malti kienet "pogguta" u korrettement wissietha biex ma toqghodx izzomm lura milli tghid il-verita` kollha. F'dan ir-rigward din il-Qorti ma tirravviza ebda rregolarita`. Ta min jinnota wkoll li anke meta kien qed jixhed il-vittma, Justin Said, il-Qorti hadet l-istess attitudini mieghu fis-sens li ma kenitx ser tittollera li wiehed joqghod idur mal-lewza meta jigi biex jiddeskrivi certi affarijiet li saru jew li kellhom isiru bejnu u bejn Graziella Apap[7]. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi wkoll respint.

**9.** L-appellant jilmenta li hu gie misjub hati hazin fuq il-fatti – u hawn qieghed il-qofol ta' dana l-appell. Jista' jinghad li kien hemm provi li abbazi taghhom il-gurati, ben diretti mill-Imhallef, setghu ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li l-appellant, meta ivvibra z-zewg daqqiet ta' mus jew sikkina li effettivament laqtu lil Justin Said, kellu l-intenzjoni specifika li joqtol lil Said jew li jqieghed il-hajja tieghu f'perikolu car? Jew hawn wiehed seta'

[6] Ara Tape 4, side A, pagni 3 u 4.
[7] Ara Tape 4, Side A, pagna 1; Tape 3, Side B, pagni 5 u 6.

ragjonevolment jasal biss biex jghid li kien hemm l-intenzjoni generika ta’ Galea li jwegga’ lil Said (kienet x’kienet ghall-mument ir-raguni)? Din il-Qorti (diversament komposta) kellha tiehu decizjoni simili – ghalkemm fil-kwadru ta’ fatti differenti hafna u fuq sfond ta’ parti zghira mill-indirizz li ma kenitx ghal kollox preciza – fil-kaz **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Salvatore sive Salvu Gauci**, liema sentenza nghatat fit-8 ta’ Lulju 2004. Kif gie osservat f’dik is-sentenza, u anke f’diversi sentenzi ohra ta’ din il-Qorti, hija r-regola li din il-Qorti ma tiddisturbax il-konkluzjoni milhuqa mill-gurati abbazi tal-fatti li jkunu gew prezentati quddiemhom jekk dawn, wara li jkunu gew indirizzati sew mill-Imhallef kemm fuq l-aspetti legali kif ukoll fuq dawk fattwali tal-kaz, ikunu waslu ghal konkluzjoni li legalment u ragjonevolment setghu jaslu ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax il-gudizzju tal-gurati li kieku hi (cioe` din il-Qorti) kienet tasal ghalih fuq dawk l-istess fatti, basta li tkun sodisfatta li l-gurati (a) gew “properly directed” u li (b) il-konkluzjoni milhuqa minnhom kienet wahda mhux biss legali izda wkoll ragjonevoli fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**10.** Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa u ripetutament kemm id-deposizzjoni ta’ Justin Said kif ukoll dik tal-appellant, kif ukoll l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija – ghax dawn u dawn biss, wara kollox, huma l-provi krucjali u li jistghu jitfghu dawl fuq id-dinamika tal-incident u ghalhekk anke fuq l-intenzjoni ta’ l-appellant – u hi tal-fehma li l-gurati ma setghux ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li l-appellant kellu l-intenzjoni omicida rikjesta skond l-Artikolu 211(2) tal-Kodici Kriminali. Huwa veru li xi mindaqqiet il-linja ta’ demarkazzjoni bejn l-*animus necandi* u l-*animus nocendi* tkun wahda sottili hafna. Huwa veru wkoll li f’dan il-kaz intuzat arma li kienet idonea biex toqtol u li miz-zewg feriti li Said garrab[8] wahda ppenetrat il-kavita`, anzi zewg kavitajiet, tal-gisem. Pero` dan il-fatt wahdu ma jfissirx li necessarjament kien hemm l-intenzjoni omicida – infatti l-ligi stess tipprospetta bhala offiza gravi (u allura b’intenzjoni generika li l-agent iwegga` biss, u mhux ukoll

[8] Ara l-iskizz ezibit minn Dott. Angela Sultana M.D. a fol. 25 tal-attijiet tal-kumpilazzjoni.

bl-intenzjoni omicida) dik l-offiza, anke jekk kagunata bi strument li jaqta' jew iniggez, li hekk tippenetra kavita` tal-gisem[9]. Il-posizzjoni taz-zewg daqqiet principali – jinghad principali ghax, skond Said, kellu offizi ohra[10] kkagunati bl-arma li kellu f'idejh l-appellant li pero` ma gewx riskontrati mit-tobba, probabbilment ghax ma kienux importanti mill-punto di vista mediku – wahda taht l-axxella tax-xellug fuq quddiem u l-ohra (li ppenetrat) taht ras il-bezzul tal-lemin, huma kompatibbli ma' tixjir bl-addocc da parti ta' l-appellant. Effettivament, anke jekk wiehed jistrieh biss fuq dak li xehed Said, jirrizulta li kif l-appellant resaq lejn Said b'hafna ghajjat u dagha, u kif Said hareg mill-karozza biex, skond hu, ma jkunx f'posizzjoni "inferjuri", l-appellant beda jxejjer bl-addocc[11]. Dejjem skond Said, huwa, wara li ntlaqat, mar fuq in-naha l-ohra tal-van tieghu, bl-appellant ghadu jghajjat u jidghi u jghid li jrid joqtlu. Jidher li hawnhekk l-appellant telaq l-arma minn idejh u baqa' jargumenta bil-kliem ma' Said – meta allura kieku ried l-appellant seta' facilment ikompli jaghtih bis-sikkina. Infatti, fil-kors ta' l-istruttorja (fol. 31-32) Said kien qal hekk:

"U mbaghad beda jitkellem hazin u hekk u qalli x'ghamiltilha, ghidli x'ghamiltilha, ghidtlu m'ghamiltilha xejn jien, qalli mhux vera ghidli x'ghamiltilha, ghidtlu ikkalma ha nghidlek x'ghamiltilha, qalli le, inti ikkalma, u telaq is-sikkina minn idu, qalli oqghod hemm, tersaqx lejja ghax nigborha u noqtlok biha. Ghidtlu all right, hawn ha nibqa, qalli ghidli x'ghamiltilha, u ghidtlu, ghidtlu ma rieditx tnehhi l-hwejjeg minn fuqha, qalli mhux veru ghidli x'ghamiltilha…U mbaghad beda jghajjtilha biex tinzel biex tigi hdejna u bdiet tibki u ma riditx."

Ghalhekk il-kwadru li jiddelinea ruhu huwa ta' persuna rrabjata, immaterjali ghall-mument jekk hux bir-ragun jew bla ragun jew bhala messa in xena, li marret pjuttost biex tiehu sodisfazzjon ghal xi pretiza jew allegata ingurja u li, fid-dlam li kien hemm Manoel Island u fil-konfuzjoni tal-

---

[9] Artikoli 216 u 217 tal-Kap. 9.

[10] Ara d-deposizzjoni ta' Justin Said, Tape 4, Side B, pagni 1 u 2. Ara wkoll Tape 3, Side B, pagna 4: "…wara li kien lehaq tani fuq xi hames jew sitt daqqiet…indunajt li kellu mus."

[11] Tape 3, Side B, pagna 3.

inkontru ma' Said, bdiet ixxejjer bl-addocc u, ghalkemm setghet tkompli xxejjer, waqfet. Din il-Qorti ssibha ferm difficli tghid li hawn ghandek l-intenzjoni omicida. Hawnhekk din il-Qorti ma tistax taghmel ahjar milli tirrepeti l-kliem ta' Lord Justice Widgery C.J. fil-kaz ta' **Cooper**[12]:

"This is a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court would be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing up was impeccable, this court should not lightly interfere…However…we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it."

Ghalkekk din il-Qorti sejra tilqa' dana l-aggravju u sejra tipprocedi skond is-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 502 tal-Kap. 9.

**11.** L-appellant jillanja wkoll li hu kellu jinstab li kien qed jagixxi fid-difiza legittima ta' Graziella Apap u li kien hemm eccess ta' legittima difeza. Din il-Qorti tqis dana l-aggravju bhala wiehed altament fieragh. Anke li kieku wiehed kellu, ghall-grazzja ta' l-argument, jghid li verament sar xi haga kontra l-persuna (jew, forsi, kontra l-kastita`) ta' din Apap – li kienet qed tezercita l-professjoni taghha ta' dak iz-zmien ta' prostituta – minhabba li Said ipprova jmissha

[12] [1969] 1 QB 267, pagna 271.

meta hi ma riditx, fil-mument li l-appellant wasal fejn kien Said, Apap kienet diga` telqet mill-vettura tal-klient u ma kien hemm xejn x'wiehed aktar jiddefendi. Dan johrog car anke mid-deposizzjoni in kontro-ezami tal-istess appellant – ara Tape 5, Side A, pagna 5. L-istess jista' jinghad – u cioe` li huwa assolutament bla bazi – dwar l-ilment li kien hemm applikazzjoni jew interpretazzjoni skorretta tal-ligi u dan peress, dejjem skond l-appellant, l-Imhallef ta direttiva zbaljata dwar il-legittima difeza u ma spjegax lill-gurati li Said qatt ma kien fil-perikolu tal-mewt. Kif rajna, id-difiza tal-legittima difeza ma ticcentra xejn f'dan il-kaz; filwaqt li l-fatt li persuna ma tkun qatt fil-perikolu tal-mewt minhabba l-offizi li tkun garrbet hija cirkostanza rrelevanti sia ghas-sejbien ta' htija ta' tentattiv ta' omicidju kif ukoll ghas-sejbien ta' htija ta' offiza gravi bi strument li jaqta' jew iniggez.

**12.** Kwantu ghall-piena, in vista tal-fatt li din il-Qorti sejra tissostitwixxi verdett ta' offiza gravi bi strument li jaqta' jew iniggez ghal dak ta' tentattiv ta' omicidju volontarju, ser ikun hemm ridimensjonament komplet ghal dak li jirrigwarda l-piena. F'dan il-kuntest ta' piena din il-Qorti, pero`, ma tistax ma tirrimarkax li bil-fedina penali li ghandu l-appellant u anke bil-fatt li r-reat gie kommess fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza, kif ukoll minhabba n-natura ta' l-istess reat, ser tinghata f'dan il-kaz il-piena massima skond il-ligi. Dan kien kaz li seta' kellu konsegwenzi aktar serji; u, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, l-insenjament ta' din il-Qorti, kemm kollegjalment komposta kif ukoll meta tkun qed tisma' appelli mill-Qorti tal-Magistrati, hu li fejn si tratta ta' vjolenza, il-piena ghandha tkun bhala regola dik ta' inkarcerazzjoni b'effett immedjat.

**13.** Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell limitatament kif gej:

i. tissostitwixxi ghall-verdett tal-gurati dwar l-ewwel kap verdett ta' mhux hati skond l-ewwel kap izda hati ta' offiza gravi volontarja fuq il-persuna maghmula bi strument li jaqta' jew iniggez;

ii. thassar dik il-parti tas-sentenza appellata li permezz taghha l-appellant gie dikjarat hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u minflok tiddikjarah hati tar-reat ta' offiza gravi volontarja fuq il-persuna maghmula bi strumenti li jaqta' jew iniggez;
iii. tikkonferma l-kumplament tal-verdett tal-gurati, inkluz il-verdett addizzjonali;
iv. tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ddikjarat lill-appellant hati skond it-tieni kap tal-Att ta' Akkuza kif ukoll in kwantu ddikjaratu hati li kkommetta reat fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza;
v. thassar dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena komplessiva ta' ghoxrin sena prigunerija u minflok, wara li rat l-Artikoli 216, 217, 17(b), 28C(1), 28E(2) (li hu applikabbli ghall-dan il-kaz *ratione temporis*) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikolu 13(1) tal-Kap. 66, tikkundanna lil Keith Galea ghall-**piena komplessiva ta' hames (5) snin prigunerija**, minn liema periodu ghandu jitnaqqas biss iz-zmien li l-istess Galea ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz (u cioe` mid-29 ta' Settembru 2001 sas-26 ta' Novembru 2001); u
vi. tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija cioe` riferibbilment ghall-ispejjez peritali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------